# MIXJA FI TRIQ

Ifirħu magħna, għeżież benefatturi, ħbieb, qarrejja, għaliex f'dan ix-xahar, il-fuljett ċkejken tagħna u tagħkom jagħlaq 30 sena ta' pubblikazzjoni.

Meta fi Frar 1980 bdejna dan il-fuljett b'esperiment, żgur li qatt ma ħsibna li ser inkomplu għaddejjin bih dawn is-snin kollha!

Iżda dak li għall-bniedem hu iebes u diffiċli, għal Alla hu possibbli. Matul dawn is-snin, kellna żminijiet sbieħ u żminijiet ibsin. Xi drabi saħansitra ħsibna bis-serjetà jekk inkomplux jew le. Hawn sibna id il-Mulej li għenitna negħlbu d-diffikultajiet li kellna quddiemna.

Meta naħsbu fil-limitazzjonijiet tagħna bħala nies tal-familja, nuqqas ta' fondi, flimkien mal-problemi ta' kuljum, ma nistgħux ma nemmnux li l-Mulej irid u jbierek dan l-għażiż fuljett tagħna. Ċertament li l-Mulej hu l-mutur li jmexxina f'din il-ħidma għal ħutna Maltin u Għawdxin.

Intom ukoll, għeżież ħbieb tagħna, għentuna tul dawn it-30 sena. L-ittri, it-telefonati, u riċentement l-'e-mails' li tibgħatulna bi kliem ta' apprezament u nkorraġġiment, iħeġġuna ferm biex inkomplu dan ix-xogħol ta' fejda.

Grazzi Mulej ta' l-imħabba tiegħek lejna. Nitolbuk tkompli xxerred il-grazzji fuqna u fuq dawk kollha li għandhom għal qalbhom il-fuljett "IT-TRIQ".

## ... 30 sena ta' ħidma

# KIF ORIGINA L-ISEM

Intom li ssegwu dan il-fuljett, bla dubju tiftakru li fil-ħarġa ta' Ottubru 2009 għamilna aċċenn li l-Grupp tagħna għalaq 30 sena ta' ħidma fost il-Ħaddiema.

Fost l-attivitajiet li bdew jippjanaw il-membri tal-Grupp (bl-iskop ewlieni li jwasslu lil Ġesú lil ħuthom fuq ix-xogħol) nibtet l-ideja li jibda jitqassam fuljett ċkejken – b'tema reliġjuża- fost il-Ħaddiema tas-*Social Services*, kif kien magħruf dak id-dipartiment tal-Gvern dak iż-żmien.

Beda jsir ftehim fuq l-isem ta' dan il-fuljett ġdid. Ħarġet l-ideja li l-isem ikun "IT-TRIQ". Il-messaġġ wara dan l-isem hu li Ġesú għandu jkun it-triq li twassalna sas-Sema pajjiżna.

Ġara li meta fil-bidu tas-snin tmenin, ġiet infurzata l-liġi tar-Reġistrazzjoni obbligatorja tal-perjodiċi ppubblikati fil-gżejjer tagħna, sar magħruf li kien hemm żewġ pubblikazzjonijiet bl-isem "IT-TRIQ": wieħed maħruġ mill-Ġiżwita Fr Paul Chetcuti u l-ieħor mill-Grupp tagħna.

Bi ftehim bejnietna, qbilna li l-fuljett ta' Fr Paul Chetcuti jibda jissejjaħ "It-Triq għaż-Żgħażagħ", waqt li tagħna jkun magħruf bħala "It-Triq: ma' Kristu l-ferħ possibbli". L-ewwel ħarġa tal-fuljett tagħna bl-isem uffiċjali kienet ta' Marzu 1984, u kellha tkun preċiżament il-50 ħarġa.

Rimarka ħelwa li nixtiequ naqsmuha magħkom hi li, is-*slogan* "ma' Kristu l-ferħ possibbli" kien it-tema ta' l-eżerċizzi li Fr Paul Chetcuti kien għamel f'isem il-Grupp tagħna fil-Knisja ta' San Franġisk, il-Belt, għall-ħaddiema tal-Gvern, f'Marzu 1981. Fr Paul u l–Grupp tagħna ħdimna flimkien ħafna drabi għall-ġid ta' ħutna l-Maltin u l-Għawdxin.

CURIA ARCHIEPISCOPALIS
MELITENSIS

# Messaġġ tal-Arċisqof

**IT-TRIQ - 30 SENA ANNIVERSARJU TAT-TWAQQIF - FRAR 2010**

L-ewwelnett nixtieq nifraħ lil dawk li jmexxu u lill-membri tal-Grupp 'It-Triq' li laħqu dan it-tragward: 30 sena mit-twaqqif tal-Grupp.

Kull Grupp li jeżisti żgur li ffaċċja żewġ sfidi kbar.

L-ewwel wieħed biex tittieħed l-inizjativa biex jinbeda Grupp. Hemm diversi motivi għaliex jitwaqqfu gruppi, iżda hawn qegħdin nitkellmu fuq Grupp Kristjan, ta' mixja fil-Fidi. Hawnhekk ma nistgħux nitkellmu fuq xi ħaġa materjali, għax mhemmx qligħ jew pjaċir purament uman li joħroġ minnu.

Hemm biss qawwa li tiġi minn ġewwa, minn esperjenza ta' fidi li tqegħdlek din l-isfida spiritwali quddiemek. Minn hemm tibda l-ġlieda biex tibda twettaqha. Nimmaġina il-mistoqijiset li jiġu minn ġewwa — 'Imma jien tajjeb?'; 'Imma veru dan li qiegħed inħoss?' — u minn barra — 'M'għandhekx biżżejjed x'tagħmel fil-familja?'; 'Mhemmx ħaddiehor li jista' jagħmilha: bilfors int?' U l-grupp beda, minkejja dan kollu, għaliex il-qawwa tal-Ispirtu hija aqwa minn kull tfixkil u minn kull biża'. Jiena naħseb li tajjeb li f'dan l-Anniversarju jerġa' jiġi rrakontat dak l-ewwel mument, l-aktar għal dawk li daħlu wara.

It-tieni sfida hija biex il-Grupp li jkun beda ikompli. U din hija sfida kbira wkoll. Qiesek qed taqra il-ktieb tal-Atti tal-Appostli (anki jekk mhux bl-istess dimensjoni). Żgur li hija ġrajja ta' tbatija u ta' ferħ, ta' mumenti ta' qtigħ il-qalb u mumenti ta' preżenza qawwija tal-Ispritu; mumenti ta' tfixkil intern, ta' Grupp li huwa magħmul minn bnedmin ukoll, u mumenti ta' ġenerożita' kbira mill-membri. Hija esperjenza ukoll tal-Misteru tal-Għid: Tbatija u Mewt li qatt ma tkun l-aħħar kelma iżda li tinbidfel f'Ħajja ġdida u Qawmien. F'kull Grupp li baqa' jagħti l-ministeru tiegħu irid ikun hemm ukoll mument fejn nirringrazzjaw lill-Mulej għall-Fedelta' Tiegħu.

Waqt li nawguralkom għal dawn it-tletin sena, jiena nħeħħiħkom biex dan l-Anniversarju jkun ħarsa 'l quddiem. Illum il-Mulej xi jrid mill-Knisja f'Malta? Jiena naħseb li jridna nersqu lejn il-Komunita' tal-bidu, fejn kienu komunitajiet żgħar, mimlijin bl-Ispirtu, mħeġġin biex jaqsmu l-fidi tagħhom, f'kultura li kienet kontrihom! Nista' nissuġġerixxi li bħala rabta ma' dan l-Anniversarju taqraw u timmeditaw l-Atti tal-Appostli?

Nibgħat il-Barka tiegħi fuqkom.

✠ Pawlu Cremona O.P.
Arċisqof ta' Malta

it-Triq ma' KRISTU l-ferħ possibbli

**... 30 sena ta' ħidma**

## ... 30 sena ta' ħidma

# SAN GORG U L-FULJETT TAGHNA

Kien Frar 1880 meta, fil-Belt Valletta, twieled il-maħbub qaddis Malti San Ġorġ Preca. Kien Frar 1980 – eżatt 100 sena wara – meta fil-Belt Valletta tqassam għall-ewwel darba il-fuljett ċkejken tagħna 'It-Triq'.

Issib min jgħidlek 'x'kumbinazzjoni!' Imma aħna dan il-fatt dejjem ispirana, u nħarsu lejh bħala ħolqa li tgħaqqadna mal-qaddis għażiż tagħna.

Ilkoll nafu x'missjoni qaddisa wettaq fostna San Ġorġ Preca. Niftakru sew kemm ħadem fostna biex iressaqna lejn Alla tagħna. Irnexxielu jiġbor madwaru ġuvintur u xebbiet li, b'dedikazzjoni sħiħa u kontinwa jaħdmu biex Ġesù jsib postu fil-qlub tal-Maltin u l-Għawdxin.

Aħna, bl-għajnuna t'Alla, xtaqna nimxu fuq il-passi ta' Dun Ġorġ, imma ċertament fuq skala ferm iżgħar. Fil-limitazzjoni tagħna, u permezz ta' dan il-fuljett ċkejken, ħdimna biex Ġesù jkun meqjum fid-djar tagħna, fil-familji tagħna u fuq il-postijiet tax-xogħol tagħna.

Dan qed ngħiduh mhux bi ftaħir, xejn minn dan, imma għax inħossuna nimtlew bil-kuraġġ u l-ħeġġa biex inkomplu b'dan ix-xogħol fl-għalqa tal-Mulej. Aħna dejjem ħarisna lejn San Ġorġ tagħna bħala mudell għalina, u nitolbuh li jidħol għalina biex dak li nwettqu jkun imbierek mill-Mulej Ġesù.